# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 10**

**Rikors numru 109/11 JVC**

**Helen Milligan**

**v.**

**Anthony Xuereb**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mill-attrici Helen Milligan minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Generali) [l-ewwel Qorti] fit-12 ta' Lulju 2016 [is-sentenza appellata] li permezz taghha l-istess Qorti, filwaqt li laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut, iddikjarat illi t-talba attrici hija proceduralment monka u konsegwentement *non sequitur* [*sic*.]. L-ewwel Qorti mmotivat, testwalment, id-decizjoni taghha b'dan il-mod:-

> "… stante illi t-talba kif dedotta kellha proceduralment tigi dedotta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja u cioe` dik il-Qorti li minn digriet taghha stess qed tintalab ir-revoka tad-digriet *contrario imperio*. Il-Qorti odjerna bhala Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, ma kellha x'taqsam xejn mad-digriet li tieghu qed tintalab ir-revoka *contrario imperio* (specifikatament skont it-talba mill-Qorti li tatu) u ghalhekk m'hijiex kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna. Ghal din ir-raguni l-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li tichad it-talba attrici."

Mertu

2. It-talba unika f'din il-kawza hija ghar-revoka *contrario imperio* ta' digriet moghti fit-23 ta' Dicembru 2011 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Famija, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni dwar safar ta' minuri bin-Numru 38/2011. Bis-sahha ta' dan id-digriet, dik il-Qorti, wara li laqghet it-talba ta' Anthony Xuereb ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi, ordnat lill-intimata, li hija attrici f'din il-kawza, "*biex fi zmien erbat ijiem tiddepozita l-passaport ta' Tyrell Xuereb Milligan mar-Registratur tal-Qorti*". Dan id-digriet inghata fuq rikors ipprezentat minn Anthony Xuereb, il-konvenut f'din il-kawza, fit-2 ta' Dicembru 2011 fl-atti tal-istess Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi, wara li l-attrici, hemmhekk intimata, irregistrat l-oppozizzjoni taghha permezz ta' risposta datata 9 ta' Dicembru 2011.

3. Illi l-konvenut permezz ta' Risposta guramentata ulterjuri[1] li gie awtorizzat jipprezenta quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' digriet moghti fid-9 ta' Gunju 2015, eccepixxa illi:-

> "… it-talba attrici hija proceduralment monka u konsegwentement *non sequitur* u dan stante li l-attrici qieghda tittenta tattakka digriet illi nghata fl-atti ta' mandat permezz ta' procedura konvenzjonali fil-forma irritwali ta' rikors guramentat, u dana meta l-ligi tipprovdi dispozizzjonijiet *ad hoc* illi huma intizi sabiex jirregolaw kif u come u meta tali digrieti jistghu jigu attakkati. Fil-fatt ir-rikors guramentat odjern ma jirriflettix il-procedura kontemplata fil-ligi dwar kif ghandu jigi attakkat digriet bhal dak odjern, <u>u dina l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi fuq l-istess</u>. Dan kollu kif sejjer jirrizulta dettaljatament fil-mori ta' din il-kawza."[2]

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Lulju 2016, ghamlet ukoll is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

> "Illi l-fatti fil-qosor huma li l-partijiet huma l-genituri tal-minur Tyrell Xuereb Milligan li twieled barra z-zwieg nhar it-18 ta' Dicembru, 2006. Fil-mori ta' bosta proceduri bejn il-partijiet dwar il-kura u l-kustodja u kwistjonijiet ancillari dwar il-minuri jirrizulta li fit-2 ta' Dicembru, 2011 ntalab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni dwar safar ta' minuri li jgib in-numru 38/2011 lill-**<u>Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja</u>**, liema mandat gie milqugh. Jirrizulta wkoll li permezz ta' digriet ulterjuri fl-atti tal-istess mandat u li jgib id-data tat-23 ta' Dicembru, 2011 (ara fol. 6), fuq talba tal-konvenut odjern Anthony sive Tony Xuereb sabiex dik il-qorti tordna lill-attrici odjerna Helen Milligan tiddepozita l-passaport ta' Tyrell Xuereb Milligan mar-Registratur tal-Qorti, dik il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat lil Helen Milligan sabiex fi zmien erbat (4) ijiem tiddepozita l-passaport ta' Tyrell Xuereb Milligan mar-Registratur tal-Qorti u dan wara li kkunsidrat kif isegwi:

[1] Fol. 148.
[2] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

> ‘Mid-dokumenti prezentati jirrizulta li dan il-passaport Brittaniku fil-fatt gie *electronically cancelled* mill-Awtoritajiet Brittanici (Dok X6). L-ittra li biha r-rikorrenti gie nfurmat b’dan hija datata 2 ta’ Ottubru 2009 u ghalhekk korrispondenza li tirrisali ghal data wara d-digriet li nghata minn **din il-qorti diversament presjeduta**, fid-9 ta’ Gunju, 2009.

“Ghalkemm huwa minnu li hemm mandat ta’ inibizzjoni fil-konfront tal-minuri sabiex ma jithalliex jitlaq mill-pajjiz, il-qorti ma tqisx li t-talba tar-rikorrenti hija naxxenti minn paranoia kif intqal fir-risposta tal-intimta. Ghalkemm dan il-passaport gie elettronikmanet ikkancellat, m’hemm xejn x’jindika fuq l-istess passaport li dan fil-fatt gie kancellat.

“Illi mill-atti l-Qorti fehemet li r-referenza ghad-digriet mill-Onorabbli Qorti fid-digriet tat-23 ta’ Dicembru 2011, tad-9 ta’ Gunju, 2009 kienet ghall-atti pendenti fil**-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja** fl-ismijiet ‘Helen Milligan vs. Anthony sive Tony Xuereb’ u li ggib in-numru 10/08.

“Illi fil-fatt fl-istess rikors guramentat odjern l-istess attrici taghmel referenza ghall-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, tant illi tuza kliem bhal ‘il-Qorti qeghdha f’dan ir-rigward tikkontradixxi r-ragunament taghha stess ..... marret kontra digrieti ohra moghtija precedentement.

“Illi t-talba tal-istess attrici odjerna taghmel referenza diretta ghall-Qorti stess li tat id-digriet attakkat u cioe’ **l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja** tant illi qed titlob specifikatament sabiex dik il-Qorti ‘tirrevoka d-digriet taghha tat-23 ta’ Dicembru, 2011 *contrario imperio* fis-sens illi hija zzomm pussess tal-istess passaport tal-minuri Tyrell Xuereb Milligan.’

“Illi izda jirrizulta li l-kawza odjerna giet intavolata fil-**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superuri, Sezzjoni Generali** b’dana li ghamlitha mpossibbli li l-qorti li tat id-digriet tat-23 ta’ Dicembru, 2011 u cioe’ **Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja** tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha ghaliex il-kawza giet intavolata quddiem Qorti kompletament diversa u ghalhekk it-talba tal-attrici qatt ma tista’ tirnexxi quddiem il-Qorti odjerna u dan irendi t-talba odjerna proceduralment monka u *non sequitur* kif jeccepixxi l-konvenut.

“Illi appuntu sabiex titlob ir-revoka *contrario imperio* ta’ digriet ta’ Qorti partikolari, l-attrici kellha tintavola t-talba fl-atti tal-proceduri pendenti quddiem dik l-istess Qorti u huwa f’dan is-sens li l-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-konvenut fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu u jwassalha sabiex tilqa’ l-eccezzjoni preliminari tieghu a fol. 148 tal-process.”

L-Appell

5. L-attrici Helen Milligan ressqet l-appell taghha permezz ta' rikors datat 1 ta' Awwissu 2016, li permezz tieghu talbet illi din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u filwaqt li tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut bl-ispejjez kontrih, tirrimetti lura l-process quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' l-kawza skont il-Ligi.

6. Ir-rikors tal-appell tal-attrici huwa, evidentement, riproduzzjoni kwazi *verbatim* tas-sottomissjonijiet li kienu saru minnha fin-nota ta' sottomissjonijietipprezentata quddiem l-ewwel Qorti[3] in linea ta' trattazzjoni dwar l-istess eccezzjoni preliminari in kwistjoni.

7. In succinct, l-attrici tibbaza l-aggravju taghha fuq il-gurisdizzjoni residwa li tghid li ghandha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili kif ukoll l-ewwel Qorti, fil-kazijiet kollha ta' natura civili li ma jaqghux taht il-kompetenza ta' xi qorti ohra bis-sahha tal-ligi, u tikkontendi wkoll li l-ewwel Qorti ma kienetx korretta meta tat mertu lill-eccezzjoni tal-konvenut illi kellha tigi segwita procedura *ad hoc*.

[3] Datata 6 ta' Gunju 2016, a fol. 204 *et seq*.

8. Il-konvenut Anthony Xuereb wiegeb ghal dan l-appell permezz ta' risposta pprezentata fl-1 ta' Lulju 2016 fejn, ghar-ragunijiet esposti fl-istess risposta tal-appell, sostna illi, filwaqt li l-appell ghandu jigi michud *in toto*, l-attrici ghandha tigi ordnata wkoll thallas spejjez doppji ai termini tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 stante illi l-appell taghha huwa wiehed frivolu u vessatorju.

L-Aggravju

9. L-aggravju tal-attrici huwa msejjes primarjament fuq il-gurisdizzjoni residwa li skont l-attrici ghandha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll tal-ewwel Qorti, fil-kazijiet kollha ta' natura civili li ma jaqghux taht il-kompetenza ta' xi qorti ohra bis-sahha tal-ligi. Tibbaza din il-lanjanza fuq it-tezi li l-Qorti Civili fis-Sezzjoni tal-Familja ma tistax tisma' kawza fil-kontenzjuz minghajr ma jigi ezawrit qabel xejn, il-process tal-medjazzjoni skont il-ligi. L-attrici tikkontendi wkoll illi l-ewwel Qorti ma kienetx korretta meta tat mertu lill-eccezzjoni tal-konvenut illi kellha tigi segwita procedura *ad hoc* u ssostni illi galadarba d-digriet impunjat gie moghti fl-atti ta' mandat ta' inibizzjoni, dan m'huwiex appellabbli direttament u lanqas jinkwadra bhala wiehed mid-digrieti kontemplati mill-Artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-attrici taghlaq billi

tghid li hija mxiet skont l-unika procedura regolamentari meta istitwiet kawza *ad hoc* biex tattakka l-istess digriet.

10. Fit-twegiba tieghu il-konvenut jirribadixxi illi talba ghar-revoka ta' digriet li jkun inghata fl-atti ta' mandat, tista' ssir biss skont kif jiddisponu l-Artikoli 281 u 836 tal-Kap. 12, liema regoli huma ta' ordni pubbliku u kwindi sollevabbli *ex officio* mill-qorti. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-gurisdizzjoni residwa li l-attrici tistrieh fuqha fl-appell taghha, il-konvenut isostni li f'kull kaz, digriet moghti fl-atti ta' mandat huwa revokabbli biss mill-istess qorti li tkun tatu. Jaghmel referenza estensiva fir-rigward ghall-insenjament ta' din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Paul Tanti pro et nomine v. Sammy Mifsud pro et nomine et**[4].

11. Il-konvenut jaghlaq billi jitlob ordni biex l-attrici thallas spejjez doppji f'dan l-appell, billi l-kawza u, *multo magis*, l-appell odjern huma motivati esklussivament minn pika stante illi, fost konsiderazzjonijiet ohra, il-passaport li l-attrici giet ordnata tiddepozita permezz tad-digriet impunjat ma ghadux jiswa wara li gie kancellat elettronikament ferm qabel l-intavolar ta' din il-kawza.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

[4] Deciza 19 ta' Novembru 2001.

12. Din il-Qorti tqis illi qabel xejn ikun siewi li jsiru is-segwenti osservazzjonijiet. Id-digriet impunjat inghata fit-23 ta' Dicembru 2011 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, fuq rikors tal-konvenut Anthony Xuereb li gie pprezentat fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni ta' safar ta' minuri, bin-numru 38/2011, sabiex l-attrici tigi ordnata tiddepozita l-passaport Brittaniku tal-minuri f'idejn ir-Registratur tal-Qorti. Il-hrug ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni kien intalab mill-istess konvenut fit-2 ta' Dicembru 2011, liema talba giet milqugha mill-istess Qorti.

13. Jirrizulta illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici m'hijiex qeghda titlob li jigi revokat id-digriet li awtorizza l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni dwar safar tal-minuri, u kwindi mhux qed titlob ir-revoka tal-Mandat innifsu, izda titlob ir-revoka tad-digriet li nghata sussegwentement ghall-hrug tal-istess Mandat, fit-23 ta' Dicembru 2011, li ordna lill-istess attrici sabiex fi zmien erbat ijiem tiddepozita l-passaport tal-minuri mar-Registratur tal-Qorti. Isegwi ghalhekk illi l-Mandat ta' Inbizzjoni *de quo* jibqa' in vigore, jekk mhux diga` altrimenti revokat, minkejja l-akkoljiment tat-talba tal-attrici f'din il-kawza.

14. Fl-istess waqt, pero`, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi in kwantu d-digriet impunjat ordna d-depozitu tal-passaport tal-minuri in segwitu u

fil-qafas tal-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni tas-safar tal-minuri, dan id-digriet ghandu jitqies bhala ancillari u kwindi bhala parti integrali mid-digriet li awtorizza l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni u jimmerita ghalhekk l-istess konsiderazzjonijiet legali in propositu tar-revoka tieghu.

15. Ghal din il-Qorti ghandha l-iktar relevanza l-ahhar parti tal-eccezzjoni preliminari tal-konvenut[5], stante illi kjarament is-sentenza appellata ma ddeliberatx u ma pprovdiet b'ebda mod dwar l-ewwel parti tal-eccezzjoni li tittratta l-forma allegatament irritwali li biha l-attrici istitwiet dawn il-proceduri, u l-procedura li biha mxiet l-istess attrici, izda trattat biss l-aspett tal-eccezzjoni li jikkoncerna n-nuqqas ta' kompetenza taghha.

16. Il-konvenut kien fisser ahjar din l-ahhar parti ta' din l-eccezzjoni minnu sollevata, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu mressqa fl-4 ta' Mejju 2016, fejn ikkontenda illi l-ewwel Qorti hija inkompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza ghaliex "*digriet ta' din l-ghamla huwa revokabbli biss mill-Qorti li tkun tatu.*"[6]

17. Ferm il-premess, huwa evidenti li l-attrici ma kienetx korretta meta lmentat, fir-rikors tal-appell taghha, li l-ewwel Qorti "*tat mertu lill-*

[5] Il-parti sottolinejata ta' l-eccezzjoni fuq riprodotta.
[6] Fol. 200.

*eccezzjoni tal-konvenut illi kellha tigi segwita procedura ad hoc".* Din il-Qorti tirribadixxi illi s-sentenza appellata ma ghamlet ebda accenn la ghall-procedura li kellha ssegwi l-attrici biex tikkontesta digriet moghti fl-atti ta' mandat ta' inibizzjoni, u lanqas ghall-forma irritwali o meno tal-att li bih istitwiet dawn l-istess proceduri. L-ewwel Qorti mmotivat id-decizjoni taghha unikament fuq il-konsiderazzjoni illi t-talba ghar-revoka *contrario imperio* ta' digriet, tista' ssir biss lill-istess qorti li erogat id-digriet impunjat, u huwa ghalhekk evidenti illi l-lanjanzi li ressqet l-attrici fir-rikors tal-appell, fejn sosniet li hija mxiet skont l-unika procedura korretta u regolamentari meta istitwiet kawza *ad hoc* biex tattakka l-istess digriet, u mhux rikors ai termini tal-Artikolu 229 tal-Kap. 12 jew appell dirett quddiem din il-Qorti, m'humiex daqshekk relevanti ghall-finijiet ta' dan l-appell.

18. Ghall-kompletezza pero`, din il-Qorti tosserva illi jidher li tabilhaqq il-konvenut innifsu ma baqax jinsisti fuq dak l-aspett tal-eccezzjoni preliminari tieghu li jikkoncerna l-irritwalita` tal-forma u procedura adoperata mill-attrici biex timpunja d-digriet. Dan qed jinghad ghaliex fir-risposta tal-appell tieghu, l-istess konvenut irribadixxa[7] illi l-insenjament fis-sentenza **Paul Tanti pro et noe v. Sammy Mifsud pro et noe et** li affermat illi digrieti ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji jistghu

[7] L-istess sentenza giet citata wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenutipprezentata quddiem l-ewwel Qorti fl-4 ta' Mejju 2016, a fol. 198 *et seq.*

jigu appellati u kontestati permezz ta' att ta' citazzjoni (kawza) quddiem l-istess Qorti li tkun tat id-digriet, ghandu jghodd *mutatis mutandis* ghal din il-kawza. Barra minn hekk, kif gia` osservat, l-attrici ma hijiex qieghda titlob il-hrug ta' kontro-mandat abbazi ta' wiehed mill-ipotesijiet kontemplati fl-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12, u ghalhekk huwa manifest illi d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma jistghu isibu ebda riskontru f'dan il-kaz.

19. Fir-rigward, u mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet fuq riportati, din il-Qorti taqbel illi l-procedura segwita mill-attrici in kwantu imxiet b'kawza *ad hoc* in kontradittorju kontra l-konvenut biex jigi impunjat digriet ancillari ghad-digriet li awtorizza l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni in kwistjoni, in kwantu huwa digriet moghti fl-atti tal-istess Mandat, kienet procedura korretta u flokha. Ghalkemm tosserva wkoll illi xejn ma kien josta lill-attrici li tipprocedi wkoll b'rikors fl-atti tal-istess Mandat ta' Inibizzjoni biex titlob ir-revoka tad-digriet tat-23 ta' Dicembru 2011 abbazi tal-istess konsiderazzjonijiet migjuba fil-kawza odjerna, din il-Qorti m'hijiex sejra ticcensura lill-attrici ghaliex ghazlet li tipprocedi mill-ewwel permezz ta' procedura ordinarja tal-att ta' rikors guramentat mill-kontradittorju tal-kontro parti, u dan fuq l-istregwa tal-gurisprudenza

kostanti in materja ta' impunjazzjoni ta' digrieti li jawtorizzaw il-hrug ta' mandat jew ta' kontro-mandat[8].

20. Stabbilit ghalhekk li l-attrici mxiet b'mod regolamentari in kwantu ghall-forma u procedura li adoperat ghall-impunjazzjoni tad-digriet *de quo*, jifdal biss li jigi kkunsidrat dak l-aspett tal-aggravju taghha li bih tikkontendi illi l-ewwel Qorti hija l-qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-talba taghha. Skont l-attrici, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u kwindi wkoll l-ewwel Qorti, ghandha gurisdizzjoni residwali bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 32 u l-Artikolu 50 tal-Kap. 12 li tisma' kawzi dwar kwistjonijiet ta' natura civili li ma jaqghux fost il-funzjonijiet espressament assenjati lil qrati ohrajn.

21. F'dan l-istadju ikun opportun, fil-fehma ta' din il-Qorti, li tigi riprodotta l-unika talba tal-attrici fir-rikors guramentat odjern. Testwalment, l-attrici talbet lill-ewwel Qorti:- "*Tirrevoka d-digriet taghha tat-23 ta' Dicembru 2011 contrario imperio fis-sens li hija zzomm pussess tal-istess passaport tal-minuri Tyrell Xuereb Milligan*".

22. Din il-Qorti tifhem illi bil-mod kif giet imfassla din it-talba, fejn l-attrici titlob ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tat-23 ta' Dicembru 2011, l-istess attrici ma setghetx kienet hlief tindirizza t-talba taghha

[8] Vide fost ohrajn **Paul Tanti pro et noe v. Sammy Mifsud pro et noe et**, *supra*; **Josef Gatt v. Marisa Gatt** [Appell Civili deciz 8 ta' Mejju 2003]; u **Bonello v. Ellul** [Appell Civili, Vol. LXXI, p. 390]

stess lill-Qorti li tat id-digriet. Dan ghaliex huwa evidenti illi meta jintalab l-ghoti ta' ordni "*contrario imperio*", ikun qieghed jintalab ordni li jmur kontra ordni diga` moghtija minn dik l-awtorita`. Ghalhekk, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi kienet korretta l-ewwel Qorti meta qieset li t-talba sabiex tinghata ordni *contrario imperio* kellha ssir lill-istess qorti li harget l-ordni impunjat. Madanakollu, f'dan il-kaz l-attrici ma talbitx ir-revoka *contrario imperio* lill-istess qorti li erogat id-digriet impunjat, izda ghamlet it-talba taghha lil sezzjoni differenti tal-Qorti b'mod illi, il-fehma ta' din il-Qorti, huma irrikonciljabbli l-forum li fih ipprocediet l-attrici bit-talba taghha, u l-istess talba kif ifformulata.

23. Din il-Qorti tqis illi tista' tieqaf hawnhekk kif ghamlet l-ewwel Qorti, izda evidentement hemm konsiderazzjonijiet ulterjuri u, sabiex l-argument ikun shih, thoss li ghandha zzid is-segwenti osservazzjonijiet. Kif rajna, l-unika talba tal-attrici f'din il-kawza hija biex jigi revokat id-digriet tat-23 ta' Dicembru 2011. Gie stabbilit ukoll illi dan id-digriet, bhala wiehed ancillari ghad-digriet li awtorizza l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 38/2011, ma jista' jkollu ebda relevanza jew skop minghajr id-digriet li laqa' t-talba ghall-hrug tal-Mandat in kwistjoni. Ferm il-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi ghandu jsib riskontru fir-rigward, l-istess insenjament[9] li huwa applikabbli ghall-kontestazzjoni ta' digrieti li jawtorizzaw il-hrug ta' mandati kawtelatorji, ossia li dawn id-

[9] *Supra.*

digrieti jistghu jigu kontestati biss in kontradittorju permezz ta' kawza *ad hoc* quddiem l-istess Qorti li tat id-digriet impunjat, li f'dan il-kaz huwa l-Qorti fis-Sezzjoni tal-Familja.

24. Din il-Qorti tosserva in propositu illi l-attrici kienet sahanistra pprezentat rikors ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tad-digriet impjunat, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, kontestwalment mal-prezentata ta' din il-kawza, appuntu ghaliex kienet giet intavolata din l-istess kawza biex timpunja d-digriet. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li hija ftit spjegabbli d-decizjoni tal-attrici li titlob is-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tad-digriet impunjat lill-Qorti li erogatu, izda li titlob it-thassir ta' dak l-istess digriet lil qorti differenti, *multo magis* meta talbet ir-revoka *contrario imperio*.

25. Fil-kaz deciz minn din il-Qorti[10] fid-9 ta' Frar, 2005 fis-sentenza **Agostino Farrugia v. Salvina Farrugia,** gie ddeterminat illi meta si tratta minn talba biex jigu varjati jew kancellati obbligazzjonijiet imposti jew assunti bis-sahha ta' ordni tal-Qorti Civili fis-Sezzjoni tal-Familja, il-parti ghandha tadixxi lill-istess Sezzjoni tal-Familja.

26. Din il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi l-kwistjoni tal-kompetenza tal-qorti f'dan il-kaz fiha dimensjoni ulterjuri li timmerita li tigi trattata. L-Avviz Legali 397/2003 kif emendat b'dawk l-Avvizi Legali bin-numru

[10] Appell Inferjuri.

9/2004, 181/2006 u 186/2006, jispecifika d-diversi kompetenzi fi hdan il-Qorti Civili. Ir-regolament 4 tal-Avviz Legali 9/2004, meta jitkellem dwar il-kompetenza tal-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja], jghid illi ghandhom jigu assenjati lil dik il-Qorti, fost affarijiet ohra, kwistjonijiet li jidhru taht Titolu I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16)[11]. B'applikazzjoni tar-regolament 9 tal-istess Avviz Legali, lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisidizzjoni Superjuri taghha [Sezzjoni tal-Familja], ghandhom jigu assenjati kawzi li jaqghu fil-kompetenza ta' dik il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Superjuri taghha u li huma regolati bid-disposizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 4(a) sa (e) tal-Avviz Legali.

27. Li jinteressa lil din il-Qorti ghall-finijiet ta' din il-vertenza huwa t-Titolu I li jitkellem fost ohrajn dwar drittijiet u obbligazzjonijiet naxxenti miz-zwieg, u separazzjoni personali inkluz l-effetti fuq il-koppja, l-ulied u l-patrimonju, kif ukoll it-Titolu IV li jittratta is-setgha tal-genituri. Huwa risaput illi d-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili in materja ta' manteniment kif ukoll kura u kustodja ta' wlied il-minuri tal-partijiet, b'mod partikolari l-Artikolu 56, huma relevanti sew f'kaz ta' koppja mizzewga li qed tissepara, sewwasew f'kaz ta' genituri li m'humiex mizzewgin izda fejn ikun jehtieg illi jinghataw provvedimenti ghall-hsieb tal-ulied taghhom.

[11] **4**. "Lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ghandhom x'jaqsmu ma':- (a) it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili; (b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment; (c) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment; (d) l-Att dwar iz-Zwieg; u (e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri."

28. Huwa evidenti illi ghalkemm din il-kawza tittratta l-kustodja tal-passaport tal-minuri, il-vertenza tinsorgi minn u tikkoncerna l-kwistjoni tas-safar tal-minuri mill-gzejjer Maltin u dan fl-isfond, *inter alia*, ta' digriet originarjament moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, (Sezzjoni tal-Familja), li ordna illi ebda wahda mill-partjiet ma tista' ssiefer bil-minuri hlief bl-awtorizzazzjoni tal-istess Qorti. Dan l-ordni, li accennat espressament ghalih l-attrici stess fir-Rikors guramentat taghha f'din il-kawza, kien inghata fil-kors tal-kawza 10/2008AE bejn l-istess partijiet, fejn kellhom jigu regolati l-aspetti tal-kura u kustodja u manteniment tal-minuri, u huwa ghalhekk intrinsikament marbut ma' materji li jaqghu, bis-sahha tar-regolamenti 4 u 9 tal-Avviz Legali 9/2004, esklussivament fil-kompetenza tas-Sezzjoni tal-Familja. Dan huwa del resto manifest mill-fatt innifsu li l-Mandat ta' Inibizzjoni tas-safar tal-minuri inhareg mill-istess Sezzjoni tal-Familja. Isegwi ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi kwalunkwe ordni moghti in konnessjoni mas-safar tal-minuri, inkluz ukoll ghalhekk il-kustodja tal-passaport tieghu, jinkwadra sfiq fil-parametri tas-setghat tal-Qorti fis-Sezzjoni tal-Familja. Bl-istess mod kull talba ghar-revoka ta' tali ordni.

29. Kif osservat korrettement l-ewwel Qorti, fir-rigward, l-attrici ssejjes it-talba taghha f'din il-kawza ghar-revoka tad-digriet impunjat, appuntu fuq l-kuntrast li hija tghid tezisti bejn dan id-digriet u d-digrieti precedenti

koncernanti l-istess passaport li wkoll inghataw mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri [Sezzjoni tal-Familja][12].

30. In propositu, ma jistax jonqos ukoll l-osservazzjoni illi oltre ghas-sottomissjoni taghha dwar il-gurisdizzjoni residwa tal-ewwel Qorti f'kawzi ta' natura civili li ma humiex assenjati espressament lil xi qorti ohra, l-attrici ma wrietx b'liema mod il-vertenza bejn il-partijiet tezorbita mill-kompetenza tas-Sezzjoni tal-Familja. Certament li m'hux siewja s-sottomissjoni taghha li l-Qorti fis-Sezzjoni taghha tal-Familja tista' tiehu konjizzjoni ta' kawzi kontenzjuzi biss wara li jkun gie ezawrit il-process ta' medjazzjoni. Dan huwa evidenti minn qari semplici tar-regolamenti 4 u 9 tal-Avviz Legali 397/2002, li jiddefinixxu espressament u kategorikament il-kazijiet fejn, qabel persuna tipprocedi quddiem is-Sezzjoni tal-Familja, ghandu jsir il-process tal-medjazzjoni. It-talba odjerna tal-attrici ma tinkwadra f'ebda wiehed minn dawn l-ipotesi stante illi hija intiza specifikatament biex timpunja digriet moghti mill-Qorti fl-atti ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

---

[12] Digriet fl-atti tar-Rikors guramentat numru 10/2008AE fl-ismijiet **Helen Milligan v. Anthony Xuereb**, datat 9 ta' Gunju 2009:- "*As for the request for seizure the court confirms that plaintiff (Helen Milligan) has no right to make use of such passport since the minor Tyrell Xuereb Milligan cannot be removed from these Islands unless the court expressly consents to his departure by means of a court decree. The Court reiterates that neither party is to take Tyrell Xureeb Milligan abroad without the court's authorisation. Under the circumstances the court does not consider that it is necessary to give any futher order as regards to the passport in question*."
Digriet iehor fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 30/2009AE, datat 25 ta' Gunju 2009 fl-ismijiet **Anthony Xuereb v. Helen Milligan**:- "*The Court therefore upholds applicant's request and orders that the minor child Tyrell Xuereb son of Anthony sive Tony Xuereb and Helen Milligan born on the 18th Decmeber 2006 is not to be taken out of Malta*."

31. Minkejja din il-konsiderazzjoni pero`, hemm il-konsiderazzjoni illi bla dubju, il-Qorti tal-Famija hija l-Qorti li hija fl-ahjar pozizzjoni li tiddelibera dwar it-talba tal-attrici u tiddeterminaha, stante illi kif stabbilit, il-vertenza principali bejn il-partijiet tittratta dwar kwistjoni familjari cioe` nuqqas ta’ qbil bejn il-kontendenti dwar is-safar ta’ binhom minuri flimkien ma’ ommu l-attrici, liema safar, minn qari hafif tal-atti processwali ta’ proceduri li saru bejn il-partijiet, gie konsistentement u sistematikament oppost mill-konvenut. Jinghad ukoll illi in kwantu l-attrici qieghda tittanta tvarja anzi thassar ordni tal-Qorti fis-Sezzjoni tal-Familja, huwa evidenti li qed tinsisti fuq element tad-digriet impunjat li jehtieg li jigi ezaminat jew riezaminat u hija biss il-qorti li harget id-digriet kontestat li ser ikollha retroxxena tal-kwistjonijiet kollha pendenti bejn il-partijiet. Ghalhekk, hija bla dubju dik l-istess qorti li hija fl-ahjar pozizzjoni legali, anke bhala l-forum specjalizzat fil-materja, li tindaga dwar is-siwi tad-digriet impunjat fl-isfond tal-vertenza kontinwa bejn il-partijiet fejn jidhlu aspetti guridici partikolari kif ukoll specjali, koncernanti s-safar tal-iben minuri tal-partijiet.

32. Di piu`, din il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi l-fatt li saret talba mill-konvenut ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni ta’ safar tal-minuri, ifisser logikament illi kien hemm vertenza li kienet ghaddejja dwar l-

istess safar tal-minuri, liema vertenza, billi kienet ghadha qed tigi trattata mill-Qorti fis-Sezzjoni tal-Familja, ma setghetx kienet gia` definita. Ghalhekk, il-kwistjoni taz-zamma tal-passaport tal-minuri ma tistax tigi ttrattata b'mod stakkat mill-konsiderazzjoni tas-safar tal-minuri regolat b'digriet tal-Qorti fis-Sezzjoni tal-Familja. In kwantu din il-materja tipprezenta aspetti guridici partikolari, ikun iktar xieraq li tibqa' fl-isfera ta' gurisdizzjoni tal-qorti li harget l-ordni impunjat u li hija adita mill-kawza dwar il-mertu, biex proprju hemm tigi ezawrjentement diskussa u deciza. Madanakollu, dik il-qorti m'hijiex il-qorti adita mill-attrici f'din il-kawza.

33. Hi ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi ghad-determinazzjoni tat-talba kif koncepita mill-attrici, il-*forum destinatae solutionis* ma kellux ikun il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni Superjuri u Generali taghha, izda l-istess Qorti fil-Gurisdizzjoni Superjuri taghha (Sezzjoni tal-Familja).

34. Finalment, din il-Qorti, b'referenza ghat-talba tal-konvenut fir-risposta tal-appell tieghu illi l-attrici tigi kkundannata thallas spejjez doppji ai termini tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Skont id-digriet impunjat innifsu, il-passaport Brittaniku tal-minuri li l-attrici trid li ma jigix depozitat f'idejn ir-Registratur

tal-Qorti, gie "*electronically cancelled"* mill-awtoritajiet Brittanici u dan kif jirrizulta minn ittra datata 2 ta' Ottubru 2009. Ghalkemm din il-kwistjoni ma jidhirx li giet determinata definittivament, din il-Qorti tiddeplora l-fatt illi kawza biex jigi revokat digriet dwar passaport li jidher, almenu mill-atti pprezentati lill-Qorti li tat id-digriet impunjat, li ma ghadx ghandu effett legali, ilha sejra iktar minn sitt snin.

35. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi ghalkemm il-kawza odjerna titratta digriet moghti fl-atti ta' Mandat ta' Inibizzjoni, l-atti ta' dan il-Mandat baqghu qatt ma gew allegati mal-atti processwali ta' din il-kawza biex talanqas din il-Qorti tista' tikkonstata jekk effettivament il-Mandat surriferit ghadux in vigore. Dan qed jinghad ghaliex minn ricerka fuq fuq li ghamlet din il-Qorti, ma jidhirx li hemm kawzi iktar pendenti bejn il-partijiet hlief ghal din il-kawza u jidher ghalhekk, talanqas *prima facie*, illi din il-kawza, *multo magis* l-appell odjern, hija nieqsa minn fondament guridiku.

36. Finalment, jigi nnotat ukoll illi l-aggravju li tressaq mill-attrici fir-rikors tal-appell, oltre li ma huwa xejn ghajr riproduzzjoni tas-sottomissjonijiet li saru minnha in prim'istanza, gew trattati materji li lanqas gew dibattuti wisq anqas decizi bis-sentenza appellata u, anke fid-dawl tal-patafjun ta' rikorsi u appelli li zejnu din il-kawza, din il-Qorti

ma ghandha ebda ezitazzjoni taqbel mal-konvenut li dan l-appell huwa kompletament frivolu u vessatorju u bhala tali jimmerita li jithallsu spejjez doppji mill-attrici.  Ghal din ir-raguni, kif ukoll fl-assjem tac-cirkostanzi fuq imsemmija, din il-Qorti tqis illi ma jkunx f'loku li taghti xi ordni biex din il-kawza tigi assenjata mir-Registratur tal-Qorti, lis-Sezzjoni opportuna tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), u dan fit-tama tabilhaqq li ma jibqghux isiru kawzi bla bzonn u motivati minn xejn ghajr pika.

Decide

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-attrici billi tichdu *in toto*, u billi dan l-appell huwa wiehed frivolu u vessatorju tordna li l-ispejjez jithallsu mill-attrici ghal darbtejn a tenur tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df